32006D0572

L 227/60 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA 19.8.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-18 ta’ Awwissu 2006

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue* fi Spanja u l-Portugall

*(innotifikata taht dokument numru C(2006) 3700)*

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/572/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta’ l-20 ta’ Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-qerda tal-*bluetongue* [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 8(3)(c) u t-tielet paragrafu ta’ l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/75/KE tistabbilixxi regoli u miżuri ta’ kontroll biex jiġi kkumbattut il-*bluetongue* fil-Komunità, inkluż it-twaqqif ta’ żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza u projbizzjoni li ma jippermettux li annimali jħallu dawn iż-żoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE tat-23 ta’ Mejju 2005 dwar żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza u kundizzjonijiet li japplikaw għall-movimenti minn jew f’dawn iż-żoni [2] tipprovdi għad-demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi globali fejn iż-żoni ta’ protezzjoni u sorveljanza (“iż-żoni ristretti”) għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għal dak li għandu x’jaqsam mal-*bluetongue*.

(3) Spanja infurmat lill-Kummissjoni li l-preżenza ta’ l-organiżmu li jittrasmetti l-marda nstab f’għadd ta’ żoni periferiċi taż-żona ristretta.

(4) Għaldaqstant, iż-żona ristretta relatata ma’ Spanja għandha tiġi estiża u għandha titqies d-*data* disponibbli dwar l-ekoloġija ta’ l-organiżmu li jittrasmetti l-marda u l-evoluzzjoni ta’ l-attività staġjunali tiegħu.

(5) Il-Portugall informa lill-Kummissjoni li ebda vajrus ma ċċirkola fil-provinċji ta’ Oleiros, Sertã u Vila de Rei minn Novembru 2005.

(6) Konsegwentement, dawn il-provinċji għandhom jitqiesu ħielsa mill-*bluetongue* u, fuq il-bażi tat-talba sostanzjata mressqa mill-Portugall, għandhom jitneħħew mil-lista li telenka ż-żoni ristretti.

(7) Id-Deċiżjoni 2005/393/KE għandha għalhekk tiġi emendata.

(8) Il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta’ l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2005/393/KE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta’ Awwissu 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.

[2] ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/273/KE (ĠU L 99, 7.4.2006, p. 35).

*ANNESS*

(1) Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2005/393/KE, il-lista taż-żoni ristretti f'*Żona E (serotip 4)*, li għandha x'taqsam ma' Spanja għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Spanja:

— ir-Reġjun awtonomu ta' Estremadura: il-provinċji ta' Cáceres, Badajoz;

— ir-Reġjun awtonomu ta' l-Andalucia: il-provinċji ta' Cádiz, Córdoba, Huelva, Jaén (il-*comarcas* ta' Alcalá la Real, Andújar, Huelma, Jaén, Linares, Santiesteban del Puerto, Ubeda), Málaga, Sevilla;

— ir-Reġjun awtonomu ta' Castilla-La Mancha: il-provinċji ta' Albacete (il-*comarca* ta' Alcaraz), Ciudad Real, Toledo;

— ir-Reġjun awtonomu ta' Castilla y León: il-provinċji ta' Avila (*comarcas* ta' Arenas de San Pedro, Candeleda, Cebreros, Las Navas del Marqués, Navaluenga, Sotillo de la Adrada), Salamanca (il-*comarcas* ta' Béjar, Ciudad Rodrigo u Sequeros);

— ir-Reġjun awtonomu ta' Madrid: il-provinċja ta' Madrid (il-*comarcas* ta' Alcalá de Henares, Aranjuez, Arganda del Rey, Colmenar Viejo, El Escorial, Grinon, Municipio de Madrid, Navalcarnero, San Martín de Valdeiglesias, Torrelaguna, Villarejo de Salvanés)."

(2) Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2005/393/KE, il-lista taż-żoni ristretti f'*Żona E (serotip 4)*, li għandha x'taqsam ma' Spanja għandha tinbidel b'dan li ġej:

"il-Portugall:

— Id-Direzzjoni Reġjonali ta' l-Agrikultura ta' Algarve: il-*concelhos* kollha

— Id-Direzzjoni Reġjonali ta' l-Agrikultura ta' Alentejo: il-*concelhos* kollha

— Id-Direzzjoni Reġjonali ta' l-Agrikultura ta' Ribatejo e Oeste: il-*concelhos* ta' Almada, Barreiro, Moita, Seixal, Sesimbra, Montijo, Coruche, Setúbal, Palmela, Alcochete, Benavente, Salvaterra de Magos, Almeirim, Alpiarça, Chamusca, Constância, Abrantes u Sardoal.

— Id-Direzzjoni Reġjonali ta' l-Agrikultura ta' Beira Interior: *il-concelhos* ta' Penamacor, Fundão, Idanha-a-Nova, Castelo Branco, Proença-a-Nova, Vila Velha de Ródão u Mação."